



Ġurament ta' Mħallef ġdid fil-Qorti Ġenerali

Udjenza solenni tat-18 ta' Marzu 2013

Wara r-riżenja ta' Nils Wahl, li sar Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ħatru, permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2013, lil Carl Wetter bħala Mħallef fil-Qorti Ġenerali għall-kompliment tal-mandat ta' Nils Wahl, jiġifieri sal-31 ta' Awwissu 2013.

Illum inżammet udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tad-dħul fil-kariga ta' Carl Wetter.

Curriculum vitae ta' Carl Wetter

Imwieled fl-1949; gradwat fl-ekonomija (Bachelor of Arts, 1974) u fid-dritt (Master of Laws, 1977) mill-Università ta' Uppsala; amministratur fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1977); membru tal-Avukatura Svediża (mill-1983); membru tal-grupp ta' ħidma Svediż fuq id-dritt tal-kompetizzjoni tal-Kamra tal-Kummerċ Internazzjonali (ICC); għalliem tad-dritt tal-kompetizzjoni (Universitajiet ta' Lund u ta' Stokkolma); awtur ta' numru ta' pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-18 ta' Marzu 2013.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106